

32001D0651

L 229/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

25.8.2001

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Awissu 2001

li tistabbilixxi l-proċess tipiku standard ta' devjazzjoni tal-kontenut tax-xaħam ta' butir importat minn New Zealand skond l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1374/98 li tistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti ta' importazzjoni u kwoti ta' tariffi għall-ħalib u prodotti tal-ħalib u li tassar id-Deċiżjoni 2000/432/KE

(notifikat bid-dokument numru C(2001) 2175)

(2001/651/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1670/2000⁽²⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1374/98 tad-29 ta' Ġunju 1998 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti ta' importazzjoni u kwoti ta' tariffi għall-ħalib u prodotti tal-ħalib⁽³⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 594/2001⁽⁴⁾, u inpartikolari l-Artikolu 9(9) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 1374/98 jippreskrivi proċedura għall-verifika tal-kontenut tax-xaħam tal-butir tan-New Zealand ippreżentat biex jitthalla jiċċirkola liberament fill-Komunità skond il-kwota kurrenti ta' aċċess speċifikata bin-Nru 35 ta' ordni ta' l-Anness I ta' dak ir-Regolament. Dan il-prodott huwa bbażat fuq prinċipji statistiċi. Element essenzjali ta' dan il-prodott huwa l-użu ta' proċess tipiku standard ta' devjazzjoni tal-kontenut tax-xaħam tal-butir magħmul skond speċifikazzjoni definita fimpjant ta' produzzjoni speċifiku u magħruf minn qabel minn l-awtoritajiet li għandhom kontroll fi Stati Membri fejn id-dikjarazzjoni biex jitthallew jiċċirkolaw liberament fill-Komunità hija preżentata.
- (2) L-Awtorità Assigurattiva ta' l-Ikel tal-Ministeru ta' l-Agricoltura u Foresta tan-New Zealand (MAF Food) minn ittra datata l-1 ta' Ġunju 2000 innotifikat il-Kummissjoni bil-proċess tipiku standard ta' devjazzjoni għal kull speċifikazzjoni tax-xiri tal-prodott fsitt impjanti ta' produzzjoni skond l-Artikolu 28(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1374/98. Fuq il-bażi ta' l-Artikolu 9(9) ta' l-istess Regolament, il-proċess tipiku standard ta' devjazzjoni kien approvat minn Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/432/KE⁽⁵⁾.

- (3) B'ittra datata d-29 ta' Settembru 2000, l-Awtorità Assigurattiva ta' l-Ikel tal-Ministeru ta' l-Agricoltura u Foresta tan-New Zealand (MAF Food) innotifikat lill-Kummissjoni bil-proċess tipiku standard ta' devjazzjoni rivedut għal kull speċifikazzjoni tax-xiri tal-prodott fħames impjanti ta' produzzjoni skond l-Artikolu 28(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1374/98. Il-proċedura ta' kalkulazzjoni użata biex jiġi stabbilit il-proċess tipiku standard ta' devjazzjoni għal kull speċifikazzjoni tax-xiri tal-prodott ġie rivedut, minnħabba li element essenzjali ta' din id-devjazzjoni standard ma kenitx ikkunsidrata. Aktar minn hekk, waħda mis-sitt impjanti ta' produzzjoni imsemmija m'għadhiex tippoduċi butir skond il-kwota kurrenti ta' aċċess. Il-figuri riveduti kienu s-suġġett ta' verifika u diskussjonijiet sussegwenti ma' l-awtoritajiet tan-New Zealand li fl-aħħar irriżultaw fkonferma mill-awtoritajiet tan-New Zealand b'ittra ddatata l-20 ta' Lulju 2001, tal-figuri notifikati qabel.

- (4) Kif rikjest minn l-Artikolu 9(9) tar-Regolament (KE) Nru 1374/98, il-proċess tipiku standard ta' devjazzjoni li ġie rivedut u notifikat għandu jkun approvat u komunikat lill-Istati Membri, u d-data ta' meta għandhom jidħlu fis-seħħ għandha tkun it-22 ta' Awissu 2001. Fl-istess ħin, għal raġunijiet ta' kjarifika, id-Deċiżjoni 2000/432/KE għandha tkun inhassra,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċess tipiku standard ta' devjazzjoni notifikat lill-Kummissjoni mill-MAF Food, tan-New Zealand b'ittra tad-29 ta' Settembru 2000 u elenkat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni huma approvati. Għandhom japplikaw għall-importazzjonijiet ta' butir fejn ċertifikati mil-IMA 1 joħorġu mit-22 ta' Awissu 2001.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2000/432/KE hija revokata.

Għandha tkompli tapplika lil importazzjonijiet ta' butir li għalihom ċertifikati IMA 1 ħarġu qabel it-22 ta' Awissu 2001.

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48.⁽²⁾ ĠU L 193, tad-29.7.2000, p. 10.⁽³⁾ ĠU L 185, tat-30.6.1998, p. 21.⁽⁴⁾ ĠU L 88, ta' l-20.3.2001, p. 7.⁽⁵⁾ ĠU L 170, tal-11.7.2000, p. 16.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Awissu 2001.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Proċess tipiku standard ta' devjazzjoni tal-kontenut tax-xaħam ta' butir manifatturat fin-New Zealand u maħsub biex jitħalla jiċċirkola liberament fil-Komunità Ewropea skond il-kwota kurrenti ta' aċċess ipprovdut għalih bl-ordni Nru 35 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1374/98

Isem tal-Fabbrika	Nru reġistrat tal-fabbrika	Nru ta' Speċifikazzjoni	Proċess tipiku ta' devjazzjoni standard
1	2	3	4
Prodotti tal-Ħalib Kiwi Ltd, Kauri	2 000	0905	0,160
Prodotti Anchor Ltd (Te Awamutu)	5 572	0081 0084	0,175 0,173
Kiwi Tasman Cooperative Dairies Ltd	146	0081 0084	0,172 0,172
Westland Cooperative Dairy Co. Ltd	143	0081 0084	0,170 0,170
Kiwi Dairy Products Ltd Hawera	47	0081 0084	0,175 0,175